

Brussell, 16 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0360(COD)**

14088/20
ADD 4

ENER 499
TRANS 606
RELEX 1013
ECOFIN 1156
ENV 810
CODEC 1355
IA 115

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	15 ta' Diċembru 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2020) 347 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument [Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jirrevoka r-Regolament (UE) Nru 347/2013]

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2020) 347 final.

Mehmuż: SWD(2020) 347 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.12.2020
SWD(2020) 347 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

**[Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar linji gwida għall-
infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jirrevoka r-Regolament (UE) Nru
347/2013]**

{COM(2020) 824 final} - {SEC(2020) 431 final} - {SWD(2020) 346 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv

Valutazzjoni tal-impatt dwar ir-reviżjonijiet tal-Linji Gwida għan-networks trans-Ewropej tal-enerġija (ir-Regolament TEN-E)

A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni

X'inhi l-problema u għaliex hi problema fil-livell tal-UE?

Ir-Regolament TEN-E attwali stabbilixxa approċċ ġdid għall-ippjanar transfruntier tal-infrastruttura li jlaqqa' flimkien lill-partijiet ikkonċernati f'kuntest ta' kooperazzjoni reġjonali biex jidentifikaw u jgħinu fl-implimentazzjoni tal-proġetti ta' interess komuni (PCIs) li jikkontribwixxu l-aktar għas-suq intern tal-enerġija, għas-sigurtà tal-provvista u għas-sostenibbiltà. Dan jirrikjedi wkoll li l-Istati Membri jissimplifikaw il-proċeduri tal-għoti tal-permessi għall-PCIs u jipprevedi l-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-finanzjament mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF). L-evalwazzjoni tar-Regolament TEN-E attwali wriet li filwaqt li l-oġġettivi tar-Regolament attwali jibqgħu fil-biċċa l-kbira validi, l-enfasi tagħhom fuq il-miri 2020/30 trid tiġi aġġornata biex tirrifletti l-kuntest politiku l-ġdid u l-oġġettiv tan-newtralità klimatika għall-2050 skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew. Minbarra l-kuntest u l-oġġettivi politiċi l-ġodda, l-iżvilupp teknoloġiku kien rapidu f'dawn l-aħħar għaxar snin.

Ġew identifikati dawn iż-żewġ problemi ewlenin li ġejjin: 1) It-tip u l-iskala tal-iżviluppi infrastrutturali transfruntiera mhumiex allinjati bis-siġħ mal-oġġettivi tal-politika tal-enerġija tal-UE b'mod partikolari fir-rigward tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-oġġettiv tan-newtralità klimatika, u 2) Id-dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġetti. Il-mira klimatika miżjuda għall-2030 u l-oġġettiv tan-newtralità klimatika tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u Pjaneta Nadifa għal Kulħadd jeħtieġu tranżizzjoni profonda tas-sistema tal-enerġija Ewropea, kemm min-naħa tal-provvista kif ukoll tad-domanda. Dan ifisser li jeħtieġ li jkun hemm infrastruttura li tappoġġja din it-tranżizzjoni tal-enerġija Ewropea, inkluża l-elettrifikazzjoni rapida bi rduppar tas-sehem tal-produzzjoni tal-elettriku rinnovabbli, żieda qawwija ta' gassijiet rinnovabbli u b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju, integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija u adozzjoni akbar ta' soluzzjonijiet innovattivi. Mhux il-kategoriji tal-infrastruttura kollha rilevanti għat-tranżizzjoni tal-enerġija bħalissa huma eliġibbli għall-istatus tal-PCI (eż. l-idroġenu) u xi wħud ma jirriflettux biżżejjed l-iżviluppi teknoloġiċi (eż. grilji intelliġenti). Dewmien fl-implimentazzjoni ta' proġetti prijoritarji li ġew identifikati bħala meħtieġa biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-politika tal-UE dwar il-klima u l-enerġija jipperikola l-bidla aċċellerata meħtieġa fis-sistema tal-enerġija. L-implimentazzjoni ta' proġetti infrastrutturali ewlenin għadha tiegħu wisq fit-tul. Fl-2020, 27 % tal-PCIs tal-elettriku ġew ittardjati b'medja ta' 17-il xahar kontra d-data tal-ikkummissjonar ippjanata inizjalment tagħhom.

X'għandu jinkiseb?

L-oġġettiv ġenerali huwa li jiġi ffaċilitat l-iżvilupp f'waqt ta' infrastruttura tal-enerġija adegwata madwar l-UE u fil-viċinat tagħha biex ikunu jstgħu jintlaħqu l-oġġettivi tal-UE dwar l-enerġija u l-klima f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew, b'mod partikolari dwar il-miri 2030/50 inkluż l-oġġettiv tan-newtralità klimatika, kif ukoll l-integrazzjoni tas-suq, il-kompetittività, u s-sigurtà tal-provvista bl-inqas spiża għall-konsumaturi u n-negozji. L-oġġettivi speċifiċi huma: 1) Il-possibbiltà tal-identifikazzjoni tal-proġetti u l-investimenti transfruntiera madwar l-UE u mal-pajjiżi ġirien tagħha li huma meħtieġa għat-tranżizzjoni tal-enerġija u l-miri tal-klima, 2) Titjib fl-ippjanar tal-infrastruttura għall-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija u l-grilji lil hinn mill-kosta, 3) Proċeduri qosra għall-għoti ta' permessi għall-PCIs biex jiġi evitat dewmien fi proġetti li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni tal-enerġija, u 4) Jiġi żgurat l-użu xieraq ta' għodod għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż u inċentivi regolatorji.

X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?

Qafas fil-livell tal-UE għall-kooperazzjoni fost l-Istati Membri huwa meħtieġ biex tiġi żviluppata infrastruttura transfruntiera tal-enerġija. Ir-regolamenti u l-azzjonijiet tal-Istati Membri individwali mhumiex biżżejjed biex jitwettqu dawn il-proġetti ta' infrastruttura. Minn perspettiva ekonomika, l-aħjar mod biex isiru żviluppi fin-network tal-enerġija huwa billi jiġu ppjanati b'perspettiva Ewropea, li tkopri kemm l-azzjoni tal-UE u kif ukoll dik tal-Istati Membri filwaqt li jiġu rrispettati l-kompetenzi rispettivi tagħhom. L-evalwazzjoni tar-Regolament TEN-E attwali kkonfermat li t-TEN-E pprova b'mod ċar valur miżjud meta mqabbel ma' dak li seta' jinkiseb fil-livell nazzjonali jew reġjonali waħdu.

B. Soluzzjonijiet

X'inhuma l-għażliet differenti biex jinkisbu l-objettivi? Hemm għażla ppreferuta jew le? Jekk le, għaliex?

Ġew ikkunsidrati diversi għażliet ta' politika għall-kwistjonijiet li ġejjin:

A) KAMP TA' APPLIKAZZJONI

- Grilji tal-elettriku intelliġenti u ħżin tal-elettriku
- Infrastruttura tal-gass, networks tal-idroġenu u gass bl-elettriku
- Proġetti ma' pajjiżi terzi (proġetti ta' interess reċiproku)

B) IPPJANAR TA' GOVERNANZA/INFRASTRUTTURA

- Grilji lil hinn mill-kosta għall-enerġija rinnovabbli
- Ippjanar tal-infrastruttura transsettorjali

C) PERMESSI

- L-aċċellerazzjoni tat-tlestija tal-proċeduri tal-għoti tal-permessi
- Punt uniku ta' servizz għall-iżvilupp tal-grilja lil hinn mill-kosta

D) TRATTAMENT REGOLATORJU

- Inklużjoni ta' spejjeż sħaħ ta' investiment

It-tqabbil tal-għażliet juri li l-ebda għażla waħda mhi biżżejjed biex jintlaħqu l-għanijiet identifikati. Pakkett ta' għażliet ta' politika ppreferuti jidher li huwa l-aktar adattat biex jintlaħqu l-għanijiet b'mod proporzjonali, kif deskritt fid-dettall fir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt.

X'inhu l-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati differenti? Min jappoġġa liema għażla?

Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas attwali, ħafna partijiet ikkonċernati indikaw aġġornament meħtieġ tal-grilji intelliġenti tal-elettriku. Filwaqt li bosta gruppi ta' partijiet ikkonċernati, li jirrappreżentaw prinċipalment it-TSOs u l-assoċjazzjonijiet tal-industrija, qiesu li l-inklużjoni ta' infrastrutturi tal-gass ġodda hija importanti, kien hemm appoġġ imħallat b'mod partikolari minn NGOs ambjentali. Fir-rigward tal-governanza u l-ippjanar tal-infrastruttura, il-partijiet ikkonċernati ma esprimewx fehmiet speċifiċi dwar ir-reġim futur tal-ippjanar tal-infrastruttura offshore, filwaqt li appoġġaw l-aġġustamenti għar-responsabbiltajiet fl-ippjanar tal-infrastruttura u t-tisħiħ tal-valutazzjoni tas-sostenibbiltà. Rigward l-għoti ta' permessi, il-partijiet ikkonċernati indikaw id-diffikultajiet permezz ta' proċess ta' permessi kumpless u twil għal proġetti offshore li jaqsmu diversi ġurisdizzjonijiet u appellaw għal proċess ta' ħruġ ta' permessi simplifikat.

C. L-Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

Il-valutazzjoni tal-impatti tiddependi fil-biċċa l-kbira fuq approċċ kwalitattiv. Ma kienx possibbli li jiġu kkwantifikati l-impatti għall-għażliet kollha minħabba n-nuqqas ta' *data* speċifika għall-proġett b'mod partikolari għal kategoriji ġodda tal-infrastruttura. Barra minn hekk, il-bidliet proposti huma prinċipalment titjib gradwali fil-qafas attwali, li tqies li jaħdem relattivament tajjeb.

L-adattament tal-kamp ta' applikazzjoni tal-istrument billi tiġi żgurata l-konsistenza tal-kategoriji tal-infrastruttura mal-objettiv tan-newtralità klimatika se jnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra appoġġati minn ippjanar infrastrutturali integrat ottimali u effiċjenti li jimminimizza wkoll l-impatti ambjentali potenzjali. Proċess aċċellerat tal-għoti tal-permessi se jippermetti wkoll implimentazzjoni aktar mgħaġġla ta' proġetti ewlenin u b'hekk iwassal għal benefiċċji ambjentali u soċjoekonomiċi.

X'inhuma l-kostijiet tal-alternattiva ppreferuta (jekk hemm, inkella ta' dawk ewlenin)?

Ir-Regolament TEN-E jstabilixxi qafas ta' abilitazzjoni għall-infrastruttura tal-enerġija Trans-Ewropea billi jipprevedi proċess għall-għażla ta' proġetti ta' interess komuni li mbagħad ikunu jistgħu jibbenefikaw minn dispożizzjonijiet biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tagħhom. Bħala tali, ir-Regolament TEN-E ma jimponix obbligi jew spejjeż fuq l-operaturi ekonomiċi, iżda jstabilixxi rekwiżiti fuq il-promoturi tal-PCIs, prinċipalment it-TSOs u d-DSOs, li jiddeċiedu li japplikaw għall-istatus ta' PCI u sussegwentement isiru soġġetti għal ċerti obbligi, prinċipalment fil-forma ta' obbligi ta' monitoraġġ u rappurtar. Barra minn hekk, ir-Regolament TEN-E jstabilixxi obbligi fuq l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u r-regolaturi fir-rigward tal-permessi, l-inċentivi regolatorji, u l-parteċipazzjoni pubblika kif ukoll fuq l-operaturi tan-networks fir-rigward tal-ippjanar fit-tul tan-networks. Il-konsumaturi huma prinċipalment affettwati mit-tariffi tan-network biex jiffinanzjaw l-investimenti fil-bażi tal-assi regolatorji (RAB). Użu mmirat tal-istrument TEN-E flimkien ma' appoġġ selettiv mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa jista' jgħin biex itaffi dawn l-ispejjeż għall-konsumaturi filwaqt li jimminimizza wkoll ir-riskju ta' assi mitlufa.

X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?

Ma jiġi identifikat l-ebda impatt dirett f'termini ta' konformità jew spejjeż amministrattivi għall-SMEs. L-SMEs jistgħu jibbenefikaw minn żieda fil-kompetittività f'dawk l-oqsma tat-teknoloġija li huma inklużi jew imsaħħa fil-qafas futur tat-TEN-E (eż. l-industrija tal-enerġija rinnovabbli offshore, is-servizzi diġitali, jew l-idroġenu).

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

Aktar koordinazzjoni u simplifikazzjoni tal-istrutturi eżistenti fi ħdan l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri inkarigati mill-għażla u l-implimentazzjoni tal-PCI se jgħibu magħhom aktar effiċjenzi.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?

L-ispejjeż ta' konformità se jonqsu bħala riżultat tal-miżuri REFIT proposti bħas-simplifikazzjoni tal-obbligi ta' rappurtar, monitoraġġ aktar effiċjenti u esklużjoni fakultattiva mir-rekwiżiti ta' qabel il-konsultazzjoni jekk ikunu diġà koperti mir-regoli nazzjonali skont l-istess standards jew standards oġġla bħal fir-Regolament TEN-E.

Il-proporzjonalità?

Il-pakkett ta' għażliet ta' politika ppreferuti huwa kkunsidrat proporzjonat.

D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

Rieżami tal-effettività tal-leġislazzjoni l-ġdida tista' ssir fl-2026, meta għandu jitlesta t-tieni proċess tal-għażla tal-PCIs taħt il-qafas il-ġdid.